MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 9/2018 LM

**Katrina Bugeja (426494M)**
*('l-appellanta')*
***vs.***

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

Dan huwa 'appell' li ma sarx kif tipprovdi l-liġi, minn xi deċiżjoni jew sentenza ta' xi awtorità ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, imma kontra kull regola tal-proċedura, sar minn deċiżjoni ta' bord ta' dixxiplina intern ta' kumpannija privata. Però terġa' u tgħid, flok ma dawn il-proċeduri ġew istitwiti kontra l-

imsemmija kumpannija privata, ġew istitwiti kontra entità pubblika li ma kellha x'taqsam xejn ma' dik il-vertenza.

'L-appellanta' **Katrina Bugeja** fir-'rikors tal-appell' tagħha li ġie ppreżentat fid-29 ta' Jannar, 2018, tgħid dan li ġej:

*"Illi l-esponenti ġiet impjegata mis-soċjetà intimata bħala* ticket seller *u dan mis-sena 2011.*

*Illi nhar id-dsatax ta' Diċembru 2017 hija rċeviet* 'Charge Letter and Suspension' *mix-xogħol hawn annessa u mmarkata bħala Doc KBI fejn kienet qed tiġi akkużata bi* gross misconduct *stante illi hija naqset milli tiddepożita is-segwenti* deposits *fil-ġranet indikati u ċioe is-segwenti:*

1) *4 ta' Lulju 2017*
2) *10 ta' Lulju 2017*
3) *20 ta' Settembru 2017*
4) *22 ta' Ottubru 2017*
5) *9 ta' Diċembru 2017*
6) *11 ta' Diċembru 2017*

*Illi nhar l-4 ta' Jannar, 2018 hija ġiet mitluba permezz ta' appuntament hawn anness u mmarkat bħala Doc KB2 sabiex tidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina fis-14.00 sabiex tirrispondi għal akkużi miġjuba kontra tagħha. Ir-rikorrenti wieġbet għall-akkużi kollha miġjuba kontriha u tellgħet ix-xhieda meħtieġa. Għal dan l-Awtorità intimata permezz tal-korrispondenza annessa u mmarkata bħala Doc KB3 ġiet mkeċċija mill-impjieg tagħha u kkundannata tħallas l-ammont ta' għaxart elef tnejn u tlettin Euro u tliet ċenteżmi (€10,032.03) filwaqt illi nżammitilha l-paga tagħha ta' liema xahar l-Awtorità naqset milli tindika għal ammont ta' ħames mija wieħed u tmenin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€581.79) u għalhekk il-bilanċ dovut minnha jibqa' għal disgħat elef, erbgħa mija u ħamsin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€9,450.24).*

*Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata mill-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ta' nhar is-17 ta' Jannar 2018 hawn annessa u mmarkata bħala Doc KB4 u għalhekk minnha qegħda tinterponi dan l-umli appell.*

*L-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

1. *Illi bid-dovut rispett, minn imkien ma rriżulta waqt it-trattazzjoni tal-każ u l-provi prodotti illi r-rikorrenti ingħatat xi* warning *dwar xi imġiba ħażina kif qed jallegaw l-*

*intimati tant illi għal perijodu twil ta' aktar minn ħames xhur is-socjetà intimata ħalliet lir-rikorrenti u għalhekk kienet kuntenta biha tibqa' taħdem u tibqa' tiddepożita l-flus tant kemm ma kellhomx provi sostanzjali fejn kienu qegħdin imorru l-ammonti ddikjarati nieqsa minnhom.*

2. *Illi għalkemm is-socjetà intimata iddikjarat illi l-allegat mispproprjazzjoni ta' flus kien ilu jseħħ ħames xhur fl-ebda stadju ma ħasset illi kellha tagħmel rapport mal-Pulizija Eżekuttiva.*

3. *Illi waqt it-trattazzjoni tal-każ, is-soċjetà intimata uriet biċ-ċar illi lanqas kellha sistema ta'* record *tajba dwar id-*deposits *tant illi fil-korrispondenza tagħha lir-rikorrenti tal-20 ta' Diċembru 2017 kif hawn anness u mmarkat bħala Doc KB5 juri li hemmhekk ġiet implimentata proċedura kif mistennija mil-Liġi.*

4. *Illi s-soċjetà intimata tant l-allegazzjonijiet tagħha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt illi saħansitra irtirat waħda mill-akkużi u ċioe ta' nhar l-10 ta Lulju 2017 u dan wara illi kienet ikkonfermat l-ammonti nieqsa.*

5. *Illi minghajr pregudizzju għas-suespost is-soċjetà intimata saħansitra fl-ebda stadju tal-provi ma ġew preżentati xi* spread sheets *fejn jindikaw l-ammont nieqes kif ġie allegat u lanqas ma ttellgħu xhieda mis-City Security sabiex jikkonfermaw d-dokumenti ppreżentati flimkien mal-ammonti. Illi l-Liġi tagħna hija ċara fejn jirrigwarda allegazzjonijiet ta' flus stante illi min jallega irid jipprova.*

*Għaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li ġġib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qort, filwaqt li tagħmel referenza għal provi prodotti u tirriżerva li tipproduċi dawk il-provi l-oħra, titlob bir-rispett lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tikkanċella d-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u ċioe tas-17 ta' Jannar 2017 u tordna illi l-appellanti m'għandhiex tħallas l-ammonti mitluba fid-deċiżjoni u tingħata kumpens għat-tkeċċija mill-istess impjieg."*

Min-naħa tagħha 'l-appellata' **l-Awtorità għat-Trasport Pubbliku** fir-risposta li ppreżentat fl-1 ta' Frar, 2018 qalet:

*"1. Illi din ir-Risposta qed issir għar-Rikors tal-Appell preżentat mill-appellanti Katrina Bugeja fid-29 ta' Jannar, 2018.*

2. *Illi l-Awtorità rispondenti m'għandha assolutament ebda idea dwar dak li qed tgħid l-imsemmija Katrina Bugeja stante illi hija qatt ma kienet impjegata mal-Awtorità rispondenti bħala* ticket seller *u wisq inqas mal-Awtorità rispondenti qatt għaddietha minn xi proċeduri ta' dixxiplina. Mid-dokument anness mar-Rikors tal-Appell jidher li l-imsemmija appellanti kienet impjegata mal-kumpannija Malta Public Transport, l-operatur tas-servizz ta' transport pubbliku u mhux mal-Awtorità rispondenti li*

*għalhekk ċertament li mhijiex il-leġittima kontradittriċi u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjeż għall-appellanti.*

*3. Illi għalhekk l-appellanti għandha tirregola ruħha sabiex tindirizza l-appell tagħha fil-konfront tal-entità korretta u mhux fil-konfront tal-Awtorità rispondenti li magħha m'għandha ebda relazzjoni ġuridika u / jew kuntrattwali u hija kompletament estranea għal dil-viċenda u għall-ilmenti u l-aggravji tal-appellanti.*

Tqis illi mid-dokumenti li resqet Katrina Bugeja stess flimkien mar-'rikors tal-appell' tagħha, huwa evidenti li din kienet impjegata ma' Malta Public Transport[1], il-kumpannija li topera s-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta, u mhux mal-'appellata' Awtorità għat-Trasport Pubbliku. Jekk Katrina Bugeja riedet tikkontesta d-deċiżjoni tal-bord tad-dixxiplina intern ta' Malta Public Transport, hija kellha tagħmel dan quddiem il-forum kompetenti skont il-liġi, u mhux tinvoka 'dritt ta' appell' li ma jeżistix minn deċiżjoni li ma ngħatatx minn xi tribunal jew qorti, imma minn bord ta' dixxiplina intern ta' kumpannija privata. Fi kwalunkwe każ l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ċertament li mhijiex il-leġittima kontradittriċi, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjeż għall-'appellanta'.

It-traskuraġni grossolana li biha sar dan l-hekk imsejjaħ 'appell', hija mill-aktar deplorevoli u tirraża d-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, ikkunsidrat il-ħela ta' ħin u riżorsi pubbliċi fi proċeduri li qatt ma messhom ġew intavolati, stante li huma għalkollox nulli, irritwali u abbużivi. Barra minn hekk, l-avukat Josephine Farrugia Mifsud, li resqet dawn il-proċeduri għan-nom tal-klijenta tagħha Katrina Bugeja, kellha kull opportunità li tirregola ruħha wara li 'l-appellata' ppreżentat ir-risposta tagħha u b'digriet tas-6 ta' Marzu, 2020 dawn il-proċeduri kienu tħallew *sine die*. Madanakollu Dr Farrugia Mifsud

[1] *A fol.* 3 sa 10 tal-proċess.

xorta waħda talbet li dawn il-proċeduri jiġu riappuntati, u kompliet taħli l-ħin tal-Qorti għax xorta waħda ma dehritx biex tiddefendi l-hekk imsejjaħ 'appell' tal-klijenta tagħha Katrina Bugeja.

**Għar-raġunijiet premessi, tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Katrina Bugeja, bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**